

- tordna lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri japplikaw, sa mis-6 ta' Ġunju 2013, ir-rati tad-dazju anti-dumping kif stabiliti mill-Artikolu 1(2)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013;
- tordna lill-Kummissjoni tikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni, sa mis-6 ta' Ġunju 2013, tar-rati tad-dazju anti-dumping kif stabiliti mill-Artikolu 1(2)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw erba motivi.

- (1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-adozzjoni tal-Artikolu 1(2)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013 tmur kontra l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (2).
- (2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti meta tat-bidu għal perijodu ta' introduzzjoni tal-miżuri ta' anti-dumping provviżorju permezz tal-Artikolu 1(2)(i) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013.
- (3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret b'mod gravi u manifest l-obbligi tagħha ta' diliġenza u ta' amministrazzjoni tajba billi adottat l-Artikolu 1(2)(i) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013.
- (4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni aġixxiet illegalment meta adottat l-Artikolu 1(2)(i) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013 u b'hekk irrekka dannu lir-rikorrenti li hija reponsabbli għalihom l-UE skont l-Artikolu 340(2) TFUE.

(1) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013, tal-4 ta' Ġunju 2013, li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltaċċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jigħiġi ġġer-ċċelloli u l-wejfers) li jorġinaw jew li jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2013 li jagħmel dawn l-importazzjonijiet li jorġinaw fi jew li huma kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 152, p. 5)

(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51)

### Rikors ippreżżentat fit-2 ta' Awwissu 2013 — Photo USA Electronic Graphic vs Il-Kunsill

(Kawża T-394/13)

(2013/C 274/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Photo USA Electronic Graphic, Inc. (Beijing, iċ-Ċina) (rappreżentant: K. Adamantopoulos, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju anti-dumping definitiv u jīgħor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 131, p. 1), sa fejn dan jiġiġi dazju antidumping fuq ir-rikorrenti, u

- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill (iktar 'il quddiem l-“istituzzjonijiet”) wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni billi inkludew maggijiet taċ-ċeramika miksija b'poliester sempliċi fl-ambitu tal-prodott taħt investigazzjoni.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li meta ġabru flimkien maggijiet taċ-ċeramika miksija ma' tipi oħra ta' oġġetti ta' fuq il-mejda u oġġetti tal-kċina tal-ġebel, l-istituzzjonijiet naqsu milli jagħmlu paragun xieraq bi ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51) (iktar 'il quddiem, ir-“Regolament bażiku”)

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku billi naqsu milli jana lizzaw b'mod xieraq l-effetti ta' prattiki antikompetittivi investiġati mill-Bundeskartellamt (Awtorità tal-Kompetizzjoni Germaniā) fuq is-sitwazzjoni tal-industria tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tissottometti li l-istituzzjonijiet wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonkludew illi prattiki antikompetittivi ma kellhomx effett fuq indikaturi mikro u makro ekonomiċi.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku billi naqsu milli jwettqu eżaminazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni fl-industria tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tissottometti illi l-istituzzjonijiet wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonkludew li prattiki antikompetittivi ma kellhomx effett fuq indikaturi mikro u makro ekonomiċi.

### Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2013 — Miettinen vs Il-Kunsill

(Kawża T-395/13)

(2013/C 274/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: Samuli Miettinen (Espoo, il-Finlandja) (rappreżentanti: O. Brouwer u E. Raedts, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrent

Tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li tirrifjuta l-aċċess integrali għad-Dokument 12979/12 skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 1, Vol. 3, p. 331), hekk kif indirizzata lir-rikorrenti fil-21 ta' Mejju 2013 fl-ittra bir-referenza "06/c/02/1 3" (id-deċiżjoni kkontestata) kif ukoll ir-rifjut imġedded tiegħu tat-23 ta' Lulju 2013;

Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż tar-rikorrent skont l-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inkluż l-ispejjeż ta' kull parti intervenjenti.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, peress li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbalata tal-imsemmija dispożizzjoni, li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-proċedimenti fil-qorti u tal-parir legali u l-protezzjoni tal-proċess kontinwu tat-teħid ta' deċiżjoni rispettivament:

L-ewwel nett, il-Kunsill naqas milli juri li l-iżvelar tad-Dokument 12979/12 jippreġudika l-kapaċċità tas-servizz legali tiegħu milli jiddefendih fi proċedimenti futuri legali u jippreġudika l-proċess leġiżlattiv;

It-tieni nett, il-Kunsill naqas milli juri li d-Dokument 12979/12 huwa partikolarmen sensitiv u/jew li għandu skop wiesa' li jiġiustika li tiġi mwarrba l-preżunzjoni favur l-iżvelar ta' opinjoni, iż-żgħix kif id-dokumenti kien digħi fid-dominju pubbliku meta d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet; u

It-tielet nett, it-teorija tal-Kunsill dwar id-dannu hija purament ipotetika. Hija infodata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress li l-kontenut tal-avviż li jinsab fid-Dokument 12979/12 kien digħi fid-dominju pubbliku meta d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet; u

Ir-raba' nett, il-Kunsill naqas milli japplika t-test dwar ir-raġuni jiet imperattivi ta' interessa pubbliku meta invoka l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) meta kkunsidra biss r-riskji involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni assoċjati mal-iżvelar u mhux l-effetti pożittivi ta' żvelar bħal dan, *inter alia*, il-leġġitimità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni u naqas milli japplika t-test meta invoka t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2).

It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegat ksur tal-obbligu li jiġu ddikjarati raġuni jiet adegwati skont l-Artikolu 296 TFUE, peress li l-Kunsill ma ssodisfax l-obbligu tiegħu li jagħti raġuni jiet suffiċċienti u adegwati għad-deċiżjoni kkontestata.

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2013 — Dosen vs UASI — Gramm (Nano-Pad)

(Kawża T-396/13)

(2013/C 274/39)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrent: Franko Dosen (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Losert, avukat)